# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulziija

(Spettur Omar Zammit)

Vs

Keith Azzopardi

Illum, 05 ta`Marzu, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Keith Azzopardi ta' 30 sena, iben Emanuel u Sonia xebba Vella imwieled Pieta' nhar 31 ta' Dicembru, 1992, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 46793M u residenti 3, Triq San Mikiel, Sqaq Nru. 1, Bormla akkuzat talli nhar 09 ta' Ottubru 2023, ghall-habta ta' 01:00 hrs gewwa l-Marsa.

1) Naqaas milli jhares kundizzjonijiet imposti fuqu cioe' li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhuz izjed tard mill-ghaxra ta' filghaxija (10pm) u ma johrogx min hemm qabel is-sitta ta' filghodu (6 pm)[1], mill-Qorti tal-Magistrati b' digriet mahrug nhar 05 ta' Jannar 2023 preseduta mill-Magistrat Dr Victor G. Axiaq li bihom kien inghata l-helsien mill-arrest.

[1] Sic. Trid taqra 6am

2) U aktar talli sar recediv b' diversi sentenzi moghti mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula u dan bi ksur ta' l-artikolu 49 u 50 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Keith Azzopardi u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat u/jew tordna li s-somma marbuta jew parti minnha tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2023 d-difiza mhux qed tikkontesta l-validita' tal-arrest u ghaldaqstant il-Qorti tqis li huwa gustifikat u tikkonvalida l-arrest.

Rat li sar l-ezami tal-imputat fejn wiegeb li mhux hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Rat li l-Qorti cahdet it-talba tad-difiza ghall-helsien mill-arrest tal-imputat.

Semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Omar Zammit li ipprezenta zewg sentenzi fis-seduta tal-17 ta' Ottubru 2023; ta' PS 2416 Sarah Jane Ellul fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023; ta' PC 229 Nicholai Zarb fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2023; ta' Marica Mifsud, assistant registratur fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2023;

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2023 id-difiza ezentat lil prosekuzzjoni milli ttella x-xhieda rigwardanti l-istqarrija tal-imputat;

Rat li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-17 ta' Ottubru, 2023;

Rat li fis-seduta tal-30 ta' Ottubru, 2023 l-Qorti laqghet it-talba tal-imputat ghal helsien mill-arrest.

Rat li fis-seduta tal-30 ta' Ottubru, 2023 l-imputat assistit mill-avukat tieghu rregistra ammissjoni. Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontestati lilu, inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista' tkun anke' wahda karcerarja jew pieni ohra statutori. Il-Qorti wara li taghatu zmien bizejjed sabiex anke' jikkonsulta mal-Avukat

Difensur tieghu u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga' lura mill-ammissjoni registrata minnu, semghet lill-imputat itenni li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Rat l-artikolu 579 (1)(2)(3)tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat x-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet u differiet il-kawza ghas-sentenza;

Ikkunsidrat

**Marica Mifsud**, Assistant Registratur il-Qorti Kriminali u Tribunali xehedet fil-17 ta' Ottubru 2023 fuq sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat minn fejn jirrizulta li

- ls-sentenza moghtija mil-Magistrat Caroline Farrugia Frendo fl-1 ta' Marzu, 2023 ma gietx appellata meta ma kienx hemm multa.
- Is-sentenza moghtija mil-Magistrat Josette Demicoli fis-16 ta' Frar, 2022 fil-konfront tal-imputat datata 16 ta' Frar, 2022 ma kienitx appellata u ma kienx hemm multa.
- S-sentenza moghtija mil-Magistrat Victor Axiaq fit-3 ta' Mejju, 2023 ma kienx hemm appell minnha u kien hemm multa.
- Is-sentenza moghtija mill-Magistrat Charmaine Galea fil-15 ta' Lulju, 2021 ma kienx hemm appell u tipprezenta d-dettalji tal-multa.
- Sentenza moghtija mill-Magistrat Doreen Clarke fit-28 ta' Marzu, 2018 ma kienx hemm appell u kien hemm multa.

  Mistoqsija jekk il-multi thallsux tirrisponsi li l-multa imposta skont is-sentenza moghtija fil-28 ta' Marzu, 2018 thallsu parzjalment u u l-multa imposta mill-Magistrat Charmaine Galea permezz ta' sentenza datata 15 ta' Lulju, 2021 ghadha ma hijiex imhallsa. Dawn il-multi ghadhom ma harigx it-ticket u ghandha ma hijiex ikkonvertita f' habs. Dwar il-multa imposta fis-sentenza tal-Magistrat Dr Victor Axiaq ghandha mhux imhallsa, hareg it-ticket izda ma gietx ikkonvertita.

**PC 229 Nikolai Zarb** xehed fis-17 ta' Ottubru, 2023. Jixhed li nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru 2023 ghal habta tas-1:00 ta' filghodu konnha qeghedin Patrol ma PS 2416 gewwa l-Marsa vicin il-korsa gewwa Triq is-Serkin u innutaw vettura Taxi iktar il-fuq kien hemm zewg persuni li irrizultaw li kienu Keith Azzopardi, li jaghraf fl-awla, u t-tfajla tieghu. Rawhom jitilqu jimxu mghaglin u jistahbew wara vettura. Is-surgent gharfet lil imputat u kienet taf li kellu xi bail conditions. Wara li verifikaw il-hinijiet tar-rinkazar mal-ghassa ta' Bormla infurmaw lil Spettur Omar Zammit biex jarrestawh wara li infurmaw l-arrest fis-1:25 am tawh id-drittijiet u l-ittra tad-drittijiet, konfiskawlu l-effetti li kellu fuqu u haduh l-ghassa tal-Hamrun u ghal 2:09 am hahuh il-lock-up.

**PS 2416 Sarah Jane Ellul** xehdet fis-seduta tal-17 ta' Ottubru, 2023. Tikkonferma x-xhieda moghtija minn PC 299 Nikolai Zarb dwar ic-cirkostanzi li waslu ghall-arrest tal-imputat.

**Spt. Omar Zammit** xehed fis-seduta tal-17 ta' Ottubru, 2023. Jipprezenta zewgt sentenzi kontra Keith Azzopardi, wahda mahruga mill-Magistrat Victor Axiaq datata 3 ta' Mejju, 2022 (Dok OZ) u l-ohra mill-Magistrat Dr Josette Demicoli datata 16 ta' Frar, 2022 (Dok OZ 1). Jikkonferma sentenza li qeghedha fil-process datata 1 ta' Marzu, 2023 kif ukoll il-bail conditions mahruga mill-Magistrat Dr Victor Axiaq ezebiti.
Jipprezenta l-istqarrija li ha hu stess lil imputat fid-9 ta' Ottubru, 2023 gewwa d-Depot tal-pulizija kif ukoll ittra dikjarazzjoni fejn Keith Azzopardi qed jirrifjuta li jkun assistit minn avukat.
Jikkonferma li dak in-nhar fid-9 ta' Ottubru, waqt li kien id-dar kellu telefonata mis-Surgent li ghadha kif xehedet ghal habta ta' 1:30 ta' filghodu fejn infurmatu li sabu lil imputat il-Marsa u hu ordna l-arrest tieghu.
L-ispettur jaghraf lil imputat fl-awla.

Ikkunsidrat

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputat ħati talimputazzjoni migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessa.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti hi tal-fehma illi ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha fis-sens illi bl-applikazzjoni tal-proviso tal-Art. 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma tqiesx li hemm lok ghall-ordni ta' revoka tal-ħelsien mill-arrest.

Illi fil-kaz in ezami l-ksur mhux wiehed ta' importanza zghira u l-Qorti ma tridx timmininzah b' xi mod jew tiggustifikah. Ma dana kollu ma tqis li ghandha tordna l-konfiska tad-depozitu u l-garanzija personali fl-inter taghhom.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi, l-artikoli 579 (1), Art. 579(2) u Art. 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u konsegwentement bl-applikazzjoni tal-Art. 579 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni qiegħda ssib lil Keith Azzopardi ħati u tikkundannah multa ta' mitt ewro (€100) u inoltre tordna l-konfiska parzjali tal-ammont stabbilit fid-digriet tal-5 ta' Jannar, 2023 mill-Magistrat Dr Victor G. Axiaq li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, favur il-Gvern ta' Malta, fis-somma ta' mitt ewro (€ 100).

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**